**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 34/2008 MLF**

**Neville Borg f'ismu propju u ghan-nom ta' Express Refrigeration Services**

**vs**

**Drawbridge Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata sabiex thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12), ekwivalenti ghall-tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) bilanc minn somma akbar dovut mis-socjeta' konvenuta bhala prezz ta' 'Air Conditioning Units' suppliti u installati skond kuntratt tat-12 ta' Novembru, 2003 li kopja tieghu giet esebita mar-rikors promotur u mmarkata Dok 'A'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 5839/07 Dok. 'B', u bl-imghax legali mit-12 ta' Novembru 2005 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta ta' Drawbridge Limited fejn eccepiet:

Illi preliminarjament, l-azzjoni tal-attur proprio et nomine hija intempestiva stante illi l-istess attur ghadu ma espletax l-inkarigu moghti lilu u dan minkejja illi kellu terminu prefiss ghal dan il-ghan;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tal-attur proprio et nomine hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-installazzjonijiet u x-xogholijiet illi l-attur intrabat illi jaghmel ghadhom ma gewx kompletati, u parti mill-istallazzjonijiet u xogholijiet ezegwiti ma sarux skond is-sengha u l-arti u ma sarux skond il-pattijiet miftiehma, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in oltre, u minghajr pregudizzju, numru mill-air-conditioning units suppliti mill-attur proprio et nomine ma jahdmux sewwa jew ma gewx installati kif titlob is-sengha u l-arti tant illi jew ma jkesshux jew iqattru l-ilma b'mod illi kkagunaw u ghadhom qed jikkagunaw hsara fil-proprjeta' tal-kumpannija konvenuta kif ser jirrizulta mill-provi;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet l-attur ghadu ma kkonsenjax ir-remote controls u l-garanziji ta' diversi mill-air-conditioning units li gew installati u ghalhekk ukoll it-talba ghall-hlas min-naha tal-attur, barra milli hija intempestiva hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ezebit mill-attur proprio et nomine stess huwa kien marbut illi jespleta l-inkarigu moghti lilu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu, 2004, u fin-nuqqas intrabat illi jhallas penali ta' tletin lira (Lm30) kuljum (ekwivalenti ghal €69.88 kuljum) lill-kumpanija ntimata u ghalhekk peress illi l-attur proprio et nomine ghadu ma espletax l-inkarigu moghti lilu, sad-data ta' llum l-istess attur huwa debitur fil-konfront tal-kumpannija ntimata f'ammont ferm akbar minn dak illi qed jitlob l-attur u ghalhekk il-kumpanija ntimata ser tirreklama l-hlas ta' l-istess penali permezz tal-kontro-talba odjerna (li ser tigi limitata ghal talba ghal hlas ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija b'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, it-talbiet tal-attur proprio et nomine ghandhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez inkluz tan-nota responsiva pprezentata fir-registru tal-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 2007.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' rikonvenzjonanta Drawbridge Limited fejn esponiet :

Illi permezz ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' Novembru, 2003 (kopja pprezentata mal-atti tar-rikors odjern u mmarkata Dok A) l-attur rikonvenzjonat intrabat illi jipprovdi lill-kumpannija mittenti total ta' tlieta u hamsin (35) airconditioning unit u illi jinstalla l-istess units fi zmien xahar;

Illi fl-istess ftehim, kif jirrizulta fit-tielet pagna tieghu, l-partijiet ftiehmu illi x-xogholijiet jistghu jibdew fl-24 ta' Lulju, 2004 u ghalhekk ix-xogholijiet kellhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-24 ta' Awwissu, 2004;

Illi skond l-istess ftehim, f'kaz illi l-attur ma jespletax l-istallazzjonijiet kollha fiz-zmien mifthiem huwa jkun tenut ihallas penali ta' tletin lira Maltin (LM 30) kuljum, ekwivalenti ghal (sic) disa' u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88) – ghal kull gurnata bejn il-25 ta' Awissu, 2004 u d-datat ta' llum, liema ammont jeccedi sewwa l-kompetenza ta' din il-Qorti;

Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tiehu konjizzjoni ta' dina l-kontrotalba l-kumpanija rikonvenzjonata qed tirrestringi t-talba taghha fil-konfront tal-attur *proprio et nomine* ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltin (LM 5,000), rapprezentanti penali kuntrattwali dovuti mill-istess attur lill-kumpannija mittenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-kumpannija rikonvenzjonanti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-attur *proprio et nomine* ihallas lill-kumpannija rikonvenjonanti s-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€ 11,646.86) ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltin (LM 5,000) rapprezentanti penali ghal dewmien fl-espletazzjoni ta' installazzjoni ta' *airconditioning units* dovuti mill-istess attur rikonvenzjonat lill-kumpanija rikonvenzjonanta a tenur ta' ftehim datat 12 ta' Novembru, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat.

Rat ir-risposta ta' l-attur proprio et nomine ghar-rikors ghall-kontro-talba maghmula mis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti:

Illi preliminarjament, il-kontrotalba kif ukoll ir-risposta tal-kumpanija Drawbridge Limited hija nulla, irrita u inammissibbli stante li dawn gewipprezentati wara it-terminu lilhom prefiss mill-Qorti b'digriet tal-5 ta' Marzu 2008 u permezz ta' rikors ipprezentat kontestwalment, l-esponent qed jitlob l-isfilz tar-risposta u tar-rikors tal-kontrotalba;

Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kienet is-socjeta' konvenuta illi naqset mill-obbligi taghha, inkluzi dawk li tipprepara il-blokki fejn kellhom jigu installati l-*airconditioning units* kif obbligat ruhha bl-Artikolu 2(b) tal-kuntratt ezibit bhala Dok, « A » mar-rikors promotur;

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-socjeta konvenuta kienet u ghadha inadempjenti fil-hlas kif stipulat fl-imsemmi kuntratt ;

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kienet l-istess s-socjeta konvenuta li minflok ma segwit il-kuntratt u lestit il-blokki biex jigu installati l-*airconditioning units,* wara t-30 ta' April 2004 infurmat lill-attur proprio et nomine illi hija tixtieq illi l-*airconditioning units* jigu installati progredatament hekk kif tlesti blokk wiehed wara l-iehor biex ikunu jistghu jinbieghu u l-attur nomine kellu jakkomoda wkoll tali rikjesta espressa tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk sehhet novazzjoni.

Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-kontrotalba hija msejjsa fuq il-qerq tas-socjeta' konvenuta li wara illi ghamlet snin inadempjenti fil-hlas ta' dawk minnha dovut, bis-semplici espedjent li ma tindikax lill-attur proprio et nomine meta ghandu jinstalla l-ahhar *airconditioning unit,* u anzi tevita rikjesti repetuti biex tali installazzjoni ssir da parti tal-attur, issa issejjes kontrotalba bbazata fuq penali.

Rat illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Lulju 2008, il-Qorti cahdet ir-rikors tal-attur sabiex jigu sfilzati r-risposta u l-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari fir-risposta tal-attur ghall-kontro-talba giet survolata;[1]

[1] Ara d-digriet a fol. 23A tal-process.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Hemm divergenza bejn il-partijiet dwar il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza. Ghall-ahjar intendiment tal-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti l-ewwel se taghmel rassenja fuq il-fatti li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni, imbaghad se taghti fil-qosor il-versjoni tal-fatti ta' kull parti.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi:

1. Fit-12 ta' Novembru 2003, l-attur li jezercita l-kummerc taht l-isem *Express Refrigeration Services* u s-socjeta' konvenuta iffirmaw skrittura fejn l-attur obbliga ruhu li jisupplixxi u jistalla 24-il air-conditioning units ta' 12,000 BTU kull wiehed kif ukoll 11-il air-conditioning units ta' 24,000 BTU kull wiehed u dana ghal prezz globali ta' LM8,000.[2] Dawn l-air conditioning units kellhom jigu installati go blokk ta' appartamenti gewwa l-Qawra, appartenenti lis-socjeta konvenuta.

2. Il-pagament ta' LM 8,000 lid-ditta attrici kellu jsir bil-mod segwenti: LM 1,000 kellu jithallas mal-iffirmar tal-ftehim; LM 3,000 fi Frar 2004, LM 2,000 wara l-istallazzjoni ta' nofs l-ordni jew fi zmien sentejn minn meta giet iffirmata l-iskrittura, liema wahda tavvera ruhha l-ewwel; LM 1,500 meta l-istallazzjoni ta' l-*air-conditioning units* kollha tkun kompleta jew fi zmien sentejn minn meta giet iffirmata l-iskrittura, liema wahda tavvera l-ewwel; u r-rimanenti LM 500 fuq il-*commissioning* ta' l-*air-conditioning units* jew fi zmien sentejn minn meta giet iffirmata l-iskrittura jew minn meta tlesta l-istallar ta' l-*air-conditioning units* kollha, liema wahda tavvera l-ewwel.

[2] Ara l-ftehim bejn id-ditta attrici u s-socjeta' konvenuta mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-process.

Klawsola 4 tal-ftehim tghid hekk: *"4. The parties agree the installation of units shall commence within three (3) weeks from date when client informs the firm by registered mail that said installation is to commence and which date shall not be earlier than 30th April 2004. The firm shall have one (1) month from date of commencement of installation to effect and complete said installation to effect and complete said installation, failing which a penalty of thirty Maltese Liri (Lm 30.00) per day shall be payable to the Client until such completion is effected."* [3]

3. L-attur obbliga ruhu li jaghti lis-socjeta konvenuta garanzija fuq dawn l-air conditioners ta' sitta u tletin (36) xahar u fuq il-*"parts and labour."* Fl-iskrittura jinghad ukoll illi *"The parties agreed that the guarantee shall commence from the day of commissioning ... ... The firm moreover binds itself to effect the said commissioning and supply the necessary remote controls within one week from notice by registered letter from the Client."* [4]

**4.** Bhala stat ta' fatt dan ftehim gie mibdul bi ftehim bejn il-partijiet f'zewg aspetti. L-ewwel wahda kienet li l-installazzjoni ma kellhix tibda qabel is-26 ta' Lulju 2004.[5] Inoltre, il-partijiet kienu wkoll qablu li minflok ma l-attur jistalla l-*units* kollha tal-blokk f'daqqa, għandu minflok jistallahom wara li s-soċjeta' konvenuta tbiegħ l-appartamenti rispettivi.[6] Fi kliem ieħor, il-partijiet kienu qablu li s-soċjeta' konvenuta kellha tavża lill-attur meta tkun biegħet xi appartament sabiex sussegwentement jistalla l-*units* ta' l-*airconditioner/s* relattivi ghal dak l-istess appartament.

*5.* Fit-23 ta' Mejju 2005 il-partijiet iffirmaw kuntratt iehor fejn l-attur obbliga ruhu li jissupplixxi lis-socjeta konvenuta sitt (6) air conditioners ohra ta' qisien differenti, go blokk ta' appartamenti gewwa Marsaskala ghal prezz totali ta' LM 1305.00. L-attur installa dawn l-air conditioners waqt li kien ghaddej bix-xoghol tal-installar tal-air conditioners gewwa l-Qawra. L-attur thallas tax-xoghol tieghu gewwa Marsascala.

---

[3] Ara fol 3 tal-proċess.
[4] Ara fol 4 tal-proċess.
[5] Ara fols 38, 86 tal-proċess.
[6] Ara fols 38, 86, 107 tal-proċess.

*Verzjoni tal-attur.*

1. Sa Dicembru 2005, l-attur kien installa l-*air-conditioning units* kollha hlief il-unit ta' gewwa ta' wiehed minnhom, ghaliex is-socjeta' konvenuta qatt ma infurmatu meta u fejn irid jitwahhal. Fil-fatt dan il-unit ta' gewwa baqa' ma twahhalx.[7]

2. Sa Dicembru 2005, is-socjeta konvenuta kienet hallset lis-socjeta attrici l-ammont ta' LM 5000 u kien fadlilha thallas il-bilanc ta' LM 3000, li baqa' ma thallasx.

3. L-attur ma ikkonsenjax lis-socjeta' konvenuta r-remote controls ta' diversi *air-conditioning units* li gew installati fil-blokk tal-Qawra.[8]

4. Nel frattemp, is-socjeta konvenuta ilmentat mix-xoghol tal-installar tal-air conditioners gewwa Marsascala. L-attur irranga dawn il-problemi, pero is-socjeta konvenuta naqsitlu xi flus mill-prezz minhabba danni li sofriet.[9]

*Verzjoni tas-Socjeta' Konvenuta*

1. Is-socjeta' konvenuta irriskontrat problemi fl-*air-conditioning units* installati gewwa l-blokk ta' Marsaskala u dan kien jikkonsisti fl-ilma li kien johrog minn certu *units*[10] liema hlas kien sar fi shih mis-socjeta' konvenuta.[11]

2. Minhabba dawn il-problemi, is-socjeta konvenuta sofriet xi danni.[12]

3. Jimmy Vella, id-direttur tas-socjeta konvenuta, insista mal-attur li qabel ma jissewwew il-hsarat fix-xoghol li kien ghamel fil-blokk ta' Marsaskala, is-socjeta konvenuta ma kienitx se thallas ghax-xoghol li sar gewwa l-Qawra.[13]

---

[7] Ara l-affidavit ta' Neville Borg mmarkat bhala Dok NB 1 a fol. 39 tal-process.
[8] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.
[9] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Neville Borg a fol. 86 tal-process.
[10] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 52 tal-process.
[11] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.
[12] Ara l-fattura numru 000667 mahruga minn Act Operators Ltd mmarkata bhala Dok JV3 a fol. 61 tal-process.
[13] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.

4. Id-ditta attrici baqghet ma sewwietx il-hsarat li kien hemm gewwa l-blokk ta' Marsaskala u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha tqabbad terza persuna, u cioe lil Joseph Vella sabiex jghamel ix-xogholijiet ta' riparazzjoni.[14]

5. Is-socjeta' konvenuta kellha thallas l-ammont ta' €1,048.22 sabiex jittrangaw id-difetti fix-xoghol maghmul mill-attur fil-blokk ta' Marsaskala.[15]

6. L-attur installa numru ta' *air-conditioning units* fil-blokk tal-Qawra b'mod hazin, u is-socjeta attrici kellha taghmel ir-riparazzjonijiet necessarji. Inoltre s-socjeta konvenuta kellha tqabbad lil Joseph Vella sabiex jinstalla l-air conditioning unit li ma kienx gie installat mill-attur kif ukoll sabiex jixtri erba' (4) remote controls li ma kienx ikkonsenjalu l-attur.[16]

7. Jimmy Vella qabbad lil Joseph Vella sabiex jaghti service l-*air-conditioning units* tal-blokk tal-Qawra, kif ukoll isewwi ix-xoghol hazin maghmul mill-attur, fejn kien necessarju. L-ispejjez inkorsi mis-socjeta konvenuta ghar-riparazzjoni tad-difetti u l-hsarat fix-xoghol li ghamel l-attur fil-blokk tal-Qawra, eskluzi r-remote controls kien jammonta ghal €1650.[17]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Qabel tghaddi biex tikkonsidra l-mertu tal-vertenza, il-Qorti tixtieq taghmilha cara li minn qari tar-rikors promotur kif ukoll mix-xhieda tal-attur, din l-kawza hija ibbazata fuq l-iskrittura ta' bejn il-kontendenti tat-12 ta' Novembru 2003 – u cioe ix-xoghol li ghamel l-attur fil-blokk tal-Qawra, u l-kontro-talba hija ibbazata biss fuq l-istess skrittura. Konsegwentement, kwalunkwe lanjanza tas-socjeta konvenuta fuq ix-xoghol li ghamel l-attur fil-blokk ta' Marsascala ai termini tal-iskrittura 23 ta' Mejju 2005 huma irrelevanti ghal fini ta' din il-vertenza.

[14] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.
[15] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.
[16] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 54 tal-process.
[17] Ara l-affidavit ta' Jimmy Vella mmarkat bhala Dok DL 1 a fol. 55 tal-process.

*L-Eccezzjoni Preliminari tas-Socjeta konvenuta tal-Intempestivita' tal-Proċeduri Odjerni*

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija li l-attur ghadu ma espletax l-inkarigu lilu moghti, u dan minkejja li kellu terminu prefiss ghal dan il-ghan.

L-attur mhux jikkontesta li hu ghad fadallu jwaħħal l-aħħar *unit* fuq in-naħa ta' ġewwa ta' appartament tas-soċjeta' konvenuta, u għandu wkoll jikkonsenja numru ta' *remote controls* u l-garanziji tal-*airconditioning units* lis-soċjeta' konvenuta. Pero skond l-attur dan gara ghaliex Jimmy Vella ma kienx cert fejn iwahhal dan l-ahhar unit ta' gewwa, u baqa' qatt ma qallu fejn se jwahhlu.[18]

Mill-provi migbura, jirrizulta li l-attur kien disponibbli sabiex jesegwixxi l-bqija tax-xogħolijiet, iżda ma ġewx eżegwiti minnu tort tas-socjeta konvenuta li baqghet ma indikatx fejn kellu jitwahhal dan l-ahhar unit, ghalkemm l-attur ghamel diversi tentattivi biex jaghmel dan. Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid hekk: "*... ... Ħallejt xi ġimgħatejn jgħaddu u ċempilt lil Jimmy biex nara kif baqa' u qalli li nista' mmur inwaħħlu dak il-unit li kien fadal. Ftehemt miegħu biex jiġi jiftħilna. Żewġ ħaddiema tiegħi Mario Barbara u Silvio Bartolo kont bagħthom jistallaw dan l-aħħar unit ta' ġewwa… ,,, Naf li marru fil-ħin pero' Jimmy ma marx u ħallihom jistennew hemm quddiem il-bieb għal xi sagħtejn sħaħ. Sadanittant huma waqt li kienu qed jistennew kienu iċempluli fuq il-mobile u jgħiduli li Jimmy ma ġiex. Jien kont inċempillu u ngħidlu li qed jistennewħ quddiem il-bieb u hu kien jgħidli li qiegħed fit-triq imma qatt ma ġie. Din il-ħaġa ġrat xi tliet darbiet. Darba ċempiltlu u għedtlu biex iħallasni ta' kollox u meta jkun komdu jiġi jiftħilna u nwaħħallu l-aħħar wieħed. Huwa ma aċċettax li jħallasni qabel inwaħħal l-aħħar musmar u qalli li meta jkun komdu ħa jiftħilna biex inlestu u meta jkun komdu jħallasni. ... ... Bqajt nipprova inċempel il-Jimmy pero' ma kienx iwieġeb it-telefonati…*"[19]

Il-haddiema tal-attur, Mario Barbara u Silvio Bartolo ikkonfermaw din il-verzjoni tal-fatti tal-attur.[20]

---

[18] Ara fol 39, 86 u 87 tal-proċess.
[19] Ara fols 39, 40 tal-proċess.
[20] Ara fol 42, 43 u 44 tal-proċess.

In kontro-ezami, Jimmy Vella jghid li l-attur kellu c-cavetta tal-blokk u seta' jkompli meta jrid iwahhal il-units, u seta' jigbor ic-cwievet tal-appartamenti mill-ufficju tieghu il-Mosta. Huwa cahad li meta l-attur kien jghidlu sabiex jigi installat l-air conditioner fl-ahhar appartament, hu dejjem kien itawwallu, u jdawwar ix-xhieda tieghu ghax-xoghol allegatament hazin li l-attur ghamillu fil-blokk ta' Marsascala.[21] Fl-opinjoni tal-Qorti, il-versjoni attrici hija iktar kredibbli, ghaliex l-attur, jew il-haddiema tieghu, ma setghux iwahhlu l-*unit* ta' gewwa jekk is-socjeta konvenuta ma tindikalhomx fejn irid jitwahhal. In oltre, fl-affidavit tieghu Jimmy Vella ma semma' xejn dwar l-access tal-attur ghac-cwievet.

Inoltre, mill-provi jirrizulta li Jimmy Vella inkariga lil Joseph Vella sabiex jinstalla dan l-ahhar unit u jixtri r-remote controls, minghajr qabel ma interpella lill-attur sabiex ilesti x-xoghol li kien fadallu jaghmel.

Il-Qorti tirrileva li mill-provi akkwiziti ghalkemm jirrizulta li l-attur kien ghad fadallu xi xoghol x'jaghmel, dan in-nuqqas ma jistghax jitqies bhala nuqqas gravi – apparti li mill-provi jirrizulta li dan in-nuqqas mhux attribwibbli lilu. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li meta d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti <u>jew</u> jaccetta riduzzjoni (**Angelo Busuttil vs Pio Fedele et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[22] fid-9 ta' April 1968; **France Abela vs Joseph Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[23]).

Minn dan isegwi dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[24] fil-kawza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius**, deciza fid-9 ta' Gunju 2004, li *"Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez tal-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali tal-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna tal-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika;*

*Il-premess hsieb dottrinali jsib riskontru fl-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna applikabbli ghal kaz fejn wiehed jonqos li jadempixxi obbligazzjoni di fare. Adempiment li jippresupponi*

---

[21] Ara kontro-ezami ta' Jimmy Vella a fol. 107 tal-process.
[22] *Per* Imhallef Maurice Caruana Curran.
[23] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[24] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*wkoll li l-obbligazzjoni giet sewwa ezegwita, anke ghaliex, kif saput, "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita." (*Kollez. Vol. XL P I p *485);*

*L-artikolu taht kumment jipprovdi in effetti illi "fil-kaz li ma tigix ezegwita obbligazzjoni li biha wiehed intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur." Korrettement interpretat, "il-kreditur ta' obbligazzjoni 'di fare' ma hux obbligat f'kaz ta' inadempjenza tad-debitur, li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi huwa stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur." (*Kollez. Vol. XXXIV P III p 809);*

*Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament mal-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Danni dawn li fil-kaz partikolari jridu jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti;"*

Fis-sentenza **Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et nomine** deciza fit-28 ta' Frar 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[25] irriteniet hekk: *"Jigi notat illi l-konvenut proprio et nomine eccepixxa l-intempestivita tal-azzjoni. ... ... Fil-kaz de quo din l-eccezzjoni pero ma tistax tigi sostnuta u l-konvenut ghalhekk ma jistghax jircievi l-ebda beneficcju minnha. Dan ghaliex sua sponte elegga li jaghmel ix-xoghol rettifikatorju u ta' tkomplija permezz ta' terzi. Gjaladarba opta ghal din it-triq ma jistghax mbaghad jippretendi li jkompli jostni l-eccezzjoni tieghu tal-intempestivita. Dawn in kwantu t-triq l-ohra maghzula minnu estingwiet l-istess eccezzjoni. Issib ghalhekk applikabbilita l-principju tad-dritt Ruman "electa una via non datur recursus ad alteram.".*[26]

Mill-kazistika fuq citata, huwa ovvju li l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ma tista' qatt treggi, ghax anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi konsentit li l-attur ma ikkompletax ix-xoghol kollu htija tieghu, is-socjeta konvenuta ma setghetx tqabbad lil terza persuna biex tezegwixxi x-xoghol li m'ghamilx l-attur, minghajr qabel ma tinforma lill-attur bin-nuqqas fl-

[25] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[26] Ara wkoll b'analogija **Joseph Bezzina et vs Robert Attard et** deciza fis-17 ta' Marzu 2003, mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Philip Sciberras.

ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu, u taghtih cans li jew jaghmel ix-xoghol hu, jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz tax-xoghol pattwit – haga li hu pacifiku li s-socjeta konvenuta naqset li taghmel. Konsegwentent, legalment l-attur ma jistghax jitqies li kien inadempjenti, ghax appaltatur jitqies li kien inadempjenti, jekk, fejn ikun ta xogholijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengha, jibqa' jwebbes rasu ghat-talba tal-kommittent biex jaghmel tajjeb ghal tali nuqqasijiet. (ara **Peter Montebello et vs Grezzju Azzopardi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[27] fid-29 ta' Settembru 2009).

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistax tara kif l-ewwel eccezzjoni ta' intempestivita tas-socjeta konvenuta tista' tigi milqugha.

*<u>L-Eccezzjonijiet li x-Xogholijiet ma gewx kompletati u li parti mill-istallazzjonijiet u xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha.</u>*

L-eccezzjonijiet l-ohra fir-risposta tas-socjeta konvenuta huma kollha fis-sens li x-xogholijiet ma gewx kompletati u li parti mill-istallazzjonijiet u xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha. Din il-prova kienet tinkombi fuq is-socjeta konvenuta, li strahet fuq ix-xhieda moghtija minn Joseph Vella, li gie inkarigat mis-socjeta konvenuta biex jirranga dawn l-allegati difetti u nuqqasijiet, u tal-assistent tieghu Charles Caruana. F'dawn il-proceduri, is-soċjeta' konvenuta għażlet li ma titlobx in-nomina ta' perit tekniku sabiex jikkonferma li x-xogħolijiet in kwistjoni ma sarux skond l-arti u s-sengħa.

Mill-provi jirrizulta ampjament li kienet l-istess soċjeta' konvenuta li inkarigat lil Joseph Vella ad insaputa tal-attur biex jirranġaw l-allegati difetti fix-xogħolijiet tal-attur u dan mingħajr ma tat lill-istess attur id-debita opportunita' sabiex jirranġahom hu.[28] F'ċirkostanzi bħal dawn, is-soċjeta' konvenuta taċitament aċċettat ix-xogħol tal-attur u lliberatu għal vizzji jew difetti palesi.

[27] *Per* Imħallef Philip Sciberras.
[28] Ara fol 55 tal-proċess.

Dan il-prinċipju ġie ribadit mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[29] fis-sentenza tagħha mogħtija fis-17 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **Joseph Bezzina et vs. Joseph Attard et** fejn qalet hekk:

*"Il-Qorti ma tqisx raguni konkludenti tal-ezistenza tad-difett l-accertament tekniku unilaterali tal-espert inkarigat mill-konvenuti. Dan ghal zewg motivi. … … Fit-tieni lok dawn l-istess kostatazzjoniet ma ngiebux ghall-attenzjoni tal-atturi, kif hekk kien mistenni li ghandu jsir. F'kull kaz, imbaghad, dawn il-verifiki kellhom isiru qabel ma l-ikkompletar tax-xoghol jinghata lil terzi. Dan bl-iskop li jigi determinat jekk id-difetti allegatament riskontrati kienux parzjali jew essenzjali u biex l-atturi jinghataw l-opportunita jirrimedjaw jekk kien il-kaz u d-difetti kienu sanabbli.*

*Jista' jinghad b'logicita, anke guridika, illi jekk il-konvenuti kellhom id-dritt jirriżolvu l-appalt, il-fatt li huma għaddew biex jinkarigaw lil ħaddieħor meta x-xogħol tal-atturi ma kienx kollawdat kif hekk kien raġjonevolment mistenni li għandu jkun, huma ġew li taċitament aċċettaw ix-xogħol li twettaq mill-atturi. Fatt dan li bħala konsegwenza jillibera lill-atturi għal vizzji jew difetti palesi...*"

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, pero ghal kull buon fini tirrileva li anke li kieku s-soċjeta' konvenuta ma kinitx inkarigat lil terzi biex jirranġaw l-allegati difetti fix-xogħol tal-attur, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma rnexxielhiex tressaq biżżejjed provi li jikkonvinċuha sal-grad rikjest fil-kamp civili li x-xogħolijiet li ġew eżegwiti mill-attur fil-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta ġewwa l-Qawra ma sarux skond l-arti u s-sengħa.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li x-xhieda mogħtija minn Charles Caruana in kontro-eżami u li tirrigwardja x-xogħol li hu u Joseph Vella kienu tqabbdu jagħmlu fil-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta ġewwa l-Qawra ma taqbilx ma' dak li ddikjara s-Sur Joseph Vella fl-affidavit tiegħu. Charles Caruana ddikjara bil-ġurament li fil-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta ġewwa l-Qawra huma kienu biddlu xi *conductors* tal-*airconditioning units* u li dawn kellhom jitbiddlu minħabba l-ħsara li rriżultatilhom mill-użu ta' l-istess *airconditioners*.[30]

[29] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[30] Ara fol 115 tal-proċess.

Min-naħa l-oħra, fl-affidavit tiegħu ddikjara li f'xi wħud mill-appartamenti ġewwa l-blokk tas-soċjeta' konvenuta fil-Qawra l-pajpijiet tad-*drains* twaħħlu ħazin mingħajr pendil. Fl-affidavit tiegħu Joseph Vella qal hekk dwar ix-xogħolijiet li ġew eżegwiti mill-attur fil-blokka hawn fuq imsemmija tas-soċjeta' konvenuta:

"*Nikkonferma wkoll illi s-sur Jimmy kien reġa' qabbadna nsewwulu xi ħsarat li kien hemm fl-ACs din id-darba pero' ġewwa l-Qawra (partikolarment ġewwa Flat 6 fejn ukoll beda jċarċar l-ilma mal-ħitan u baqa' nieżel għand ta' Flat 4 filwaqt li f'penthouse 8 ukoll kellu jsiru xi tiswijiet fl-A/C minħabba xogħol ħażin). Hawn ukoll l-iżball li sar kien li l-pipijiet tad-drains kienu mwaħħlin ħażin mingħajr pendil kif suppost. Kif għamilna f'Wied il-Għajn kellna niftħu it-trinek u nkissru biċċa mill-ħajt biex insolvu l-problema u waqt li konna hemm kellna nduru l-units l-oħra kollha biex inkunu żguri li ma kienx hemm iktar ħsara cioe' jinkludu flats 2,5,6 u penthouse 7 u 8.*" [31]

Jekk wiehed jara ukoll ic-cekk u l-ircevuta tal-VAT li s-socjeta' konvenuta tghid li hija l-ircevuta tal-hlas lil Joseph Vella tar-riparazzjonijiet li huwa ghamel ghall-istallazzjoni allegatament hazina li ghamel l-attur, wiehed jinnota li l-ircevuta tal-VAT nharget ghal Airconditioner Repairs at Flat 2, Flat 5, Flat 6, Penthouse 7 u Penthouse 8, liema ircevuta tal-VAT hija bla data[32]. Jekk wiehed jara il-fotokopja c-cekk mahrug minn Vella Group Ltd – mhux is-socjeta konvenuta - lil Joseph Vella, fl-istess ammont tal-ircevuta tal-VAT, jirrealizza illi d-data tac-cekk hija l-5 ta' Dicembru 2008.[33] Issa fl-affidavit tieghu, l-attur xehed li x-xoghol kien tlesta ghajr air-conditioning unit wiehed f'Dicembru 2005 - [34] - ben tlett (3) snin qabel id-data tac-cekk. Dan il-fatt kombinat max-xhieda ta' Charles Caruana, iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-hsara li kien hemm kienet dovuta ghall-uzu tal-air conditioners, kif xehed Caruana, u mhux ghax l-attur ma ezegwiex ix-xoghol li ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Huwa relevanti wkoll li Joseph Vella thallas fil-5 ta' Dicembru 2008, ghax dan ifisser li huwa thallas wara li nbdew dawn il-proceduri, li gew istitwiti fl-1 ta' Frar 2008, u s-socjeta konvenuta giet notifikata bir-rikors promotur fit-12 ta' Frar 2008.

---

[31] Ara fol 75 tal-proċess.
[32] Ara Dok JV 13 a fol. 71 tal-process.
[33] Ara Dok JV 13 a fol. 71 tal-process.
[34] Ara l-affidavit ta' Neville Borg mmarkat bhala Dok NB 1 a fol. 39 tal-process.

Ghalkemm l-attur jammetti li huwa ma wahhalx l-ahhar unit ta' gewwa u ma tax xi remote controls lis-socjeta konvenuta, mill-provi jirrizulta li dan ma ghamlux mhux htija tieghu, izda htija tal-agir tas-socjeta konvenuta. Konsegwentement, ladarba is-socjeta konvenuta ma kellha l-ebda raguni valida tittermina dan l-appalt, il-Qorti tqis, li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandu jigi applikat l-Artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili, u ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis mill-ammont pretiz mill-attur fir-rikors promotur tieghu.

Ghaldaqstant dawn l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta qed jigu respinti.

*<u>Il-Kontro-Talba – Il-pretensjoni tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-penali</u>*

Is-sitt eccezzjoni fir-risposta tas-socjeta konvenuta u l-kontro-talba taghha, hija bbazata fuq il-penali kontemplata fl-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li għalkemm il-partijiet oriġinarjament għażlu li jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom permezz tal-ftehim datat it-12 ta' Novembru 2003 - u bħala konsegwenza ta' dan il-ftehim l-attur kien aċċetta li jistalla l-*units* ta' l-*airconditioners* kollha li kienet ordnat is-soċjeta' konvenuta u dan fi żmien xahar minn meta jiġi avżat biex jibda, f'xi żmien wara, il-partijiet kienu ftehmu illi minflok l-attur jinstalla l-units kollha f'daqqa, is-socjeta konvenuta tinfurmah meta tbiegħ appartament u l-attur għandu sussegwentement jistalla l-*units* ta' l-*airconditioners* tal-istess appartament. Dan il-fatt ġie kkonfermat kemm mill-attur kif ukoll minn Jimmy Vella, direttur tas-soċjeta' konvenuta stess.

Fl-affidavit tiegħu l-attur qal hekk: *"Ċempiltlu f'Novembru ta' 2004 biex nara kif ħa nibqgħu u qalli li nista' nibda mmur inwaħħal xi ħaġa meta rrid. Jien għidtlu li nixtieq immur inwaħħal kollox f'daqqa ħalli nlesti, imma huwa qalli li ma kellux ħsieb li jlestihom kollha f'daqqa. Qalli li huwa xtaq li malli jkollu flat fuq konvenju, huwa jċempilli u jien immur inwaħħallu l-units ta' dak il-flat. Jien insistejt li nlesti kollox f'daqqa imma qalli li ma kellux flus biex iħallasni ta' kollox f'daqqa u wkoll għax kellu il-penthouses kienu mibnijin bla permess u ma riedx ikompli jaħdem fuqhom sakemm jirranġa xi affarijiet. Jien ma kelli l-ebda għażla oħra ħlief li naċċetta kif ried hu.*" [35]

[35] Ara fol 38 tal-proċess. Ara wkoll fol 86 tal-proċess.

Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami, Jimmy Vella ikkonferma x-xhieda tal-attur, u qal hekk: "*... Qed niġi mistoqsi jekk fil-fatt il-ftehim kienx li meta nsib il-bejgħ ta' appartament partikolari ngħidlu sabiex jiġi jistalla l-air conditioners, dan hu minnu, fil-fatt kont ngħidlu isma mur għamel dan il-flat partikolari u huwa kien imur...*" [36]

Fid-dawl tas-suespost, is-soċjeta' konvenuta hija żbaljata fir-raġunament tagħha meta tinsisti li l-attur m'esegwixxiex l-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt hawn fuq imsemmi fit-terminu ta' xahar kif originarjament miftiehem. Kienet l-istess soċjeta' konvenuta li biddlet dak li oriġinarjament kienet ftehmet dwaru mal-attur fl-iskrittura oriġinali ta' bejniethom tat-12 ta' Novembru 2003 u hi ma tistax tippretendi li l-attur kellu jesegwixxi l-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt hawn fuq imsemmi fit-terminu ta' xahar stabbilit, ghax dak it-terminu imur djametrikament kontra il-ftehim gdid li sar fuq talba tal-istess socjeta konvenuta.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[37] fit-22 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet **Joanna Briffa vs Bernard Gauci et** irriteniet hekk: "*In-novazzjoni hu ftehim li permezz tieghu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew ghadu ma giex attwat jew mhux ghal kollox attwat. Certament il-modifika ta' l-oggett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din taghti lok ghall-obbligazzjoni gdida nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni originarja. F' kaz bhal dan wiehed ikollu jezamina jekk il-partijiet riedux semplicement modifikazzjoni tar-rapport li jibqa' immutat fl-identita` tieghu jew riedux joholqu rapport gdid. Dan anke ghaliex kif jinghad fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1181, Kodici Civili, "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla".*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ma jistghax ikun hemm dubbju li t-tibdil fl-iskrittura maghmul mill-partijiet jikkostitwixxi novazzjoni ghax il-modalita li biha l-attur kellu jezegwixxi l-obbligi tieghu skond il-ftehim il-gdid, huwa inkompatibbli ma dak originarjament pattwit fl-iskrittura.

Peress li fil-ftehim il-ġdid ma ġiex impost terminu għall-eżekuzzjoni tax-xogholijiet – u effettivament fil-prattika lanqas seta' jigi impost - ghax l-attur seta' biss jaghmel ix-xoghol

[36] Ara fol 107 tal-proċess.
[37] Per Imhallef Philip Sciberras.

bicca bicca, kull meta s-socjeta konvenuta issib il-bejgh ta' xi wiehed mill-appartamenti taghha. Dan ifisser li fil-ftehim il-gdid, ma giex impost terminu fuq l-attur sabiex jezegwixxi x-xogholijiet, u allura seta' jezegwieh f'kull zmien, dejjem sakemm ma jigix ippruvat – li ma giex ippruvat f'dan il-kaz - li huwa gie kostitwit in mora.[38]

Konsegwentement, it-talbiet fil-kontro-talba ghandhom jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta;
2. Tiddikjara survolata l-ewwel eccezzjoni preliminari fir-risposta tal-attur proprio et nomine rikonvenzjonat ghall-kontro-talba;
3. Tilqa' ir-rimanenti eccezzjonijiet fir-risposta tal-attur proprio et nomine rikonvenzjonat ghall-kontro-talba;
4. Tichad fit-totalita taghha l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanta;
5. Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ekwivalenti ghal tlett elef Lira Maltin (LM 3,000) bl-imghax legali mit-12 ta' Novembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.
6. L-ispejjez kollha konnessi ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 5839/07 ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

[38] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (*per* Imhallef Philip Sciberras) fil-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Bonaventura sive Benny Camilleri vs. John Cuschieri**.